NAXXAR

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

---

**Data:** It-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2011
**Ħin:** 7:30pm
**Post:** Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill
**Rif:** Is-sitt Leġislatura, laqgħa numru 35

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**
2. **Komunikazzjoni mis-Sindku.**
3. **Rapport dwar il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv BIC.**
4. **Rapport dwar is-sottokumitat tas-Sgħajtar.**
5. **Ħlas ta' kontijiet u rendikonti ta' dħul.**
    a. Approvazzjoni tal-lista ta' ordnijiet.
    b. Spejjeż relatati mal-irranġar tal-faċċata (Kliem magħmul mill-ġdid).
    c. Xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina.
    d. Dwal tal-Milied.
6. **L-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri.**
7. **Deċiżjoni fuq offerti u kwotazzjonijiet.**
    a. Offerti għas-servizzi ta' Perit.
    b. Offerti għal xogħol ta' kisi mill-ġdid u traqqiegħ tat-toroq.
    c. Kwotazzjonijiet għall-istampar tad-direttorju tan-negozji.
8. **Ħruġ ta' offerti**
    a. Servizzi ta' Accountant
    b. Xogħol ta' aperturi b'*double/triple glazing* (taħt l-iskema tal-iffrankar tal-enerġija).
    c. Website dwar il-*Heritage Trail* (Proġett taħt il-miżura 313).
9. **Is-sitwazzjoni tar-riżorsi umani fil-Kunsill.**
10. **L-Attivitajiet taħt l-iskema tal-attivitajiet.**
11. **Talbiet u ilmenti.**

**P. Gatt**
Segretarju Eżekuttiv

**NOTAMENTI MAL-AĠENDA**

**2. Komunikazzjoni mis-Sindku**

Mistenni jkun diskuss ir-relazzjoni mal-każini tal-baned fid-dawl ta' allegazzjonijiet infondati kontra l-Kunsill.

**5 (b) Spejjeż relatati mal-irranġar tal-faċċata (Kliem magħmul mill-ġdid)**

Wara li saret il-manutenzjoni tal-faċċata l-kliem 'Ċentru Ċiviku – Kunsill Lokali Naxxar' ukoll kellu jsir mill-ġdid bi spiża ta' €758. Kellna stima oħra oħra għal €1239 biex isiru spray minflok miksijin bil-vinyl.

**5 (c) Xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina**

Hemm bżonn urġenti li jsir xogħol ta' manutenzjoni relattivament estensiv fil-latrina. Konxju mill-fatt li l-Kunsill kien diġà tkellem bil-ħsieb li jbiddel il-latrina mill-qiegħ iżda permezz ta' din il-proposta qed nirrakkomanda lill-Kunsill li jagħmel it-tibdiliet neċessarji biss kemm tkun diċenti filwaqt li 'bini mill-ġdid' isir meta ż-żmien ikun jippermetti. Huwa fatt li l-Kunsill diġà għandu pjanti għal bini mill-ġdid iżda, anki jekk il-Kunsill jiddeċiedi malajr biex jibda, minħabba li hemm ħtieġa ta' permessi, offerti, eċċ, dan ċertament li jieħu ħafna żmien. Għalhekk nemmen li l-Kunsill m'għandux jistenna daqshekk sakemm jagħmilha diċenti.

Qiegħed ninkludi xi ritratti li ttieħdu qabel sar it-tindif ta' filgħodu biex wieħed ikollu idea tas-sitwazzjoni. Ritratti oħra ma kienx xieraq li jkunu inklużi hawn.

Ix-xogħol propost jinkludi:

- Tibdil ta' xi vaski u sinkijiet.
- Tibdil tal-flushings u s-sistema tal-*plumbing* li tidher.
- Tibdil tas-sistema tal-flushing tal-pixxaturi biex tkun waħda awtomatika u mhux flushing wieħed għal tlieta f'salt.
- Għeluq ta' ħajt (daqs ta' bokkatura ta' bieb) bil-brikks minflok ħadid. Dan biex inaqqas il-vandaliżmu u l-ħmieġ li jintefa jew apposta jew b'mod naturali. (ara l-aħħar ritratt).
- Irranġar tal-entratura b'madum ġdid.
- F'każ ta' qlugħ ta' art isir madum ġdid mal-art biss.
- Tibdil ta' tabelli.

Sadanittant, fid-dawl li l-Kunsill mistenni li jiddeċiedi fuq l-għażla tal-Perit, jista', bħala parti mid-deċiżjoni dwar dan il-manutenzjoni, jiddeċiedi li l-ewwel jikkonsulta mal-perit fuq opzjonijiet u stimi għall-bini mill-ġdid u/jew irranġar estensiv.













**6 Ittra ta’ Direzzjoni mill-Awdituri (Management Letter)**

Qiegħed nehmeż l-ittra ta’ direzzjoni flimkien ma’ abbozz għar-risposta.  Minħabba li l-ewwel parti (sezzjoni 1) huma riflessi ’l quddiem, ir-risposti jirreferu biss għall-partijiet min-numru 2 ’il quddiem.

**7 (a) Offerti għas-servizzi ta’ Perit**

Kif kien kulħadd infurmat saru l-intervisti mal-offerenti nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Settembru ħlief għal wieħed li se jiġi dak inhar tal-laqgħa tal-Kunsill.  Kull Kunsillier diġà irċieva skeda tal-offerti li però qed nerġa nehmiżha biex issibuha faċli.

Mil-laqgħat li kellna, kien hemm qbil unanimu li tnejn mill-offerenti, Joe Bugeja & Associates u Vittorio Bonavia, ma ppruvawx li kellhom biżżejjed ħiliet li setgħu jaqdu tajjeb lill-Kunsill u għalhekk għandhom ikunu eliminati.

**7 (b) Offerti għall-kisi mill-ġdid u traqqiegħ ta' toroq.**

Kull Kunsillier diġà irċieva skeda tal-offerti li però qed nerġa nehmiżha biex issibuha faċli.

Central Asphalt ma indikax il-garanzija li joffri fuq ix-xogħol u għalhekk kien mitlub biex jiddikjara l-garanzija sa nhar it-Tlieta.

Jidher ċar li Central Asphalt offrew l-aħjar prezzijiet filwaqt li dawk li huma ogħla mill-offerent l-ieħor m'għandhomx jeffettwaw ħażin il-prezzijiet finali tax-xogħol.

**7 (c) Kwotazzjonijiet għall-istampar tad-direttorju tan-negozji**

Anness issibu l-iskeda tal-kwotazzjonijiet. L-aħjar prezz huwa ta' PrintIt però dan ma jinkludix id-disinn. Rakkomandabbli li l-Kunsill jagħżel il-kwotazzjoni tagħhom filwaqt li jqabbad disinjatur separat. Mill-istimi l-oħrajn jidher li bil-prezz tad-disinn b'kollox, Printit xorta jibqa' irħas.

**8 Ħruġ ta' offerti**

Mehmuża għandhom abbozz tal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-offerti. Dawn għaddejthom lill-avukat iżda għadni qed nistenna lura mingħandu. Għandhom ikunu f'idi sal-laqgħa.